# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/2142

## tas-17 ta' Diċembru 2020

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1789 b'appoġġ għall-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu u l-proliferazzjoni ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir fl-Istati Membri tal-Lega tal-Istati Għarab

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fid-19 ta' Novembru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1789 [1] b'appoġġ għall-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu u l-proliferazzjoni ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir fl-Istati Membri tal-Lega tal-Istati Għarab.

(2) L-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1789 jipprevedi li dik id-Deċiżjoni għandha tiskadi 24 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3) ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) Fit-30 ta' Ottubru 2020, is-Small Arms Survey (SAS), li hija l-Aġenzija ta' implimentazzjoni tal-proġett, imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1789, talbet l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni biex testendi l-perijodu ta' implimentazzjoni stabbilit f'dik id-Deċiżjoni b'sitt xhur, biex b'hekk id-durata totali tal-perijodu ta' implimentazzjoni ssir tilħaq 30 xahar. L-estensjoni mitluba hija dovuta għall-pandemija tal-COVID-19 u l-posponiment sussegwenti ta' għadd ta' attivitajiet previsti mill-proġett.

(4) L-emenda mitluba tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1789 tikkonċerna l-Artikolu 5(2) tagħha.

(5) L-estensjoni tal-perijodu ta' implimentazzjoni stabbilit fid-Deċiżjoni (PESK) 2018/1789 b'sitt xhur tista' titwettaq mingħajr ebda implikazzjoni ta' riżorsi finanzjarji,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1789 huwa b'dan sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 30 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3).".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2020.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
S. SCHULZE

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1789 tad-19 ta' Novembru 2018 b'appoġġ għall-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu u l-proliferazzjoni ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir fl-Istati Membri tal-Lega tal-Istati Għarab (ĠU L 293, 20.11.2018, p. 24).